**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Gunju 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 8/2015JVC**

**Gabriele Helga Whitehouse**

**vs**

**Mary Sultana**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap. 12 tal-attrici li ppremettiet:

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu 2013, ghal xi l-hdax u kwart ta' filghaxija (23.15) waqt li l-attrici kienet qed taqsam biz-zewgt iklieb taghha fi Triq l-Imgarr, Xewkija, minn quddiem id-dar taghha fl-istess triq ghan-naha l-ohra tat-triq, hi giet investita bil-karozza tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru FBV713 li kienet misjuqa mill-konvenuta Mary Sultana li kienet sejra fid-direzzjoni ta' Ghajnsielem;

Illi per konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet griehi ta' natura gravi f'sieqha tax-xellug tant li s'issa kellha tissubixxi f'din is-sieq mhux inqas min sitt interventi kirurgici magguri;

Illi dan l-incident gara tort tas-sewqan traskurat, eccessiv, u inavverenti tal-konvenuta meta naqset li tara dak li kien *in plain view* fi triq wiesgha u dritta fejn il-vizwali tippermetti fit-tul u ma kintix ostakolata bl-ebda mod, u t-triq kienet imdawla sew, u meta l-konvenuta kellha kull opportunita' li taraha qeghdha taqsam u tikkontrolla s-sewqan taghha, u dan billi l-attrici qasmet mill-genb tal-lemin ghan-naha tax-xellug meta wiehed ihares mid-direzzjoni ta' fejn kienet gejja ssuq il-konvenuta, u l-investiment sehh hekk kif appena r-rikorrenti kienet qasmet it-triq u waslet mal-bankina tan-naha tax-xellug, u proprju fejn hemm marki tal-karregjata 'SLOW' mizbugha fl-art li jindikaw b'mod car li wiehed ghandu jsuq bil-mod u bil-galbu;

Illi minhabba dan l-incident ir-rikorrent soffriet danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali principalment ghalkemm mhux limitatament fi spejjez minhabba kura medika fl-isptarijiet hawn Malta minhabba l-griehi li sofriet, kif ukoll f'lukri cessanti minhabba debilita' permanenti fizika f'sieqha tax-xellug u fil-funzjonament tal-istess sieq;

Illi l-konvenuta minkejja li giet interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni soferti mir-rikorrent anke permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Frar 2014 (Ittra numru 68/2014), hija baqghet inadempjenti;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli tal-incident stradali fuq imsemmi li sehh minhabba sewqan traskurat, eccessiv, inavvertenti, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici konsegwenza ta' dan l-incident;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar 2014 (Ittra numru 68/2014), u dikipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab imharrka.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta illi eccepiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

2. Illi l-incident *de quo* gara unikament u esklussivament tort u htija tar-rikorrenti stante li kienet l-istess rikorrenti li qasmet it-triq b'mod azzardat, traskurat u sahansitra suwicidali. In oltre fil-hin tal-incident l-istess rikorrenti kienet taht influwenza qawwija ta' alkohol kif sewwa sew sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi ghar-ragunijiet premessi l-esponenti ma tistax titqies li hija responsabbli ghal dan l-incident u per konsegwenza hija m'ghandhiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-istess rikorrenti;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

5. B'referenza ghall-paragrafi tar-rikors guramentat, dawn huma kontestati fl-intier taghhom stante li l-incident sehh unikament u esklussivament tort tar-rikorrenti u minghajr l-ebda kontribut dirett jew indirett tal-esponenti. Per konsegwenza ma jezisti l-ebda obbligu da parti tal-esponenti sabiex hija taghmel tajjeb ghall-allegati danni sofferti mir-rikorrenti per konsegwenza ta' dan l-incident.

B'rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti in segwitu ghad-danni sofferti mill-esponenti per kawza ta' dan l-incident.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha fl-atti;

Rat li nnominat bhala perit mediku sabiex jirrelata dwar id-dizabilita' permanenti tal-attrici lil Mr. Joseph Borg li rrelata a fol. 456 et seq tal-process;

Rat l-atti tal-kawza kriminali kontra l-konvenuta Mary Sultana esebiti a fol. 260 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Frar, 2018 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat.**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob il-likwidazzjoni u hlas tad-danni allegatament sofferti minnha wara li giet imtajra mill-konvenuta Mary Sultana f'incident stradali li sehh fi Triq L-Imgarr, Xewkija nhar l-24 ta' Awwissu 2013. It-triq in kwistjoni hija wahda arterjali li twassal mir-Rabat, Ghawdex sal-port tal-Imgarr. Fil-maggor parti taghha din it-triq hija wahda pjuttost wiesgha. Dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident tinsab bejn il-bini tal-Universita' ta' Malta fix-Xewkija u l-Housing Estate u tidher fir-ritratti esebit a fol. 12 tal-process. F'din il-parti it-triq in kwistjoni ghandha biss kareggata fuq kull naha. Mhux kontestat li l-incident sehh ghall-habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl (23.15) waqt li l-attrici harget mid-dar taghha u f'mument minnhom qasmet it-triq flimkien mal-klieb taghha. Inzerta li l-konvenuta kienet qeghda ssuq mid-direzzjoni tar-Rabat direzzjoni lejn il-Qala u ghal xi raguni tajret lill-konvenuta skont l-attrici fil-hin li hija kienet kwazi waslet biex titla' l-bankina fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn qasmet. L-attrici ssostni li

konsegwenza ta' dan l-incident hija sofriet dizabilita' permanenti li skont il-perit mediku nnominat minn din l-istess Qorti jammonta ghall-5%.

Illi l-konvenuta Mary Sultana tikkontesta r-responsabbilita' tal-incident u tinsisti li l-htija kollha tal-incident kienet l-istess attrici li harget timxi bil-klieb meta kienet taht l-effet tal-alkohol tant li la kellha kontroll fuq l-agir taghha u lanqas fuq il-klieb li bdew jigbduha u wkoll stante li ma qasmitx minn fuq iz-zebra crossing li kienet tinsab ftit metri 'l boghod.

**Fatti:**

Illi mill-atti din il-Qorti rat li l-unici xhieda okulari tal-incident in kwistjoni kienu appuntu l-attrici, il-konvenuta u bint il-konvenuta Cynthianne Sultana. Ix-xhieda kollha l-ohra li tressqu fl-atti jew waslu fuq il-post tal-incident wara li dan sehh altrimenti xehdu fuq fatti ohra mhux relatati mal-post tal-incident.

Illi fl-affidavit taghha a fol. 9 et seq tal-process l-attrici ssostni li dakinhar tal-incident hija kienet qed isofri minn rih u skont l-attrici kienet qed tiehu medicina Germaniza li tikkonsisti f'xi tip ta' haxix fl-alkohol. Hija tiddeskrivi l-incident kif isegwi:

*'I went out of the house and before crossing the road I stopped on the pavement, checked the road both left and right for oncoming traffic, and could see no cars approaching. The road is well lit, traffic signs and road markings were very clear since the road was recently rebuilt. Visibility in both directions from where I was standing on the pavement is at least one hundred (100) meters in both directions. The road is a two lane road, and each lane is quite wide permitting the oncoming traffic to have a clear visibility and wide spectrum of the road ahead.*

*I started to cross the road the right to the left when the road is viewed from Xewkija towards Ghajnsielem. When I had almost crossed the road and was less than one (1) meter from the far pavement on the left, I was struck by a car and had lost consciousness. The dogs were already on the far pavement when I was hit, and were not injured at all. I cannot recall being hit by the vehicle and my next memory is of being in hospital.'*

A fol. 54 et seq tal-process gie esebit ir-rapport tal-pulizija dwar l-incident redatt mis-Surgent Jason Spiteri. F'dan ir-rapport fil-parti fejn titnizzel il-verzjoni tal-attrici jinghad kif isegwi:

*'Mrs. Whitehouse stated that she couldn't remember anything and she didn't even know if it was afternoon or night, or where she was.'*

Illi fl-istess rapport is-Surgent jirrimarka kif isegwi:

*'It is to be noted that the pedestrian who was involved in this road accident crossed the street close to where the incident happened while around 20 meters further up the road towards Victoria there was a pedestrian crossing with lights.'*

Fil-kontro-ezami taghha (fol. 187 et seq) l-attrici ssostni li l-klieb taghha huma ta' daqs medju u li dakinhar tal-incident kellhom kullari '*florescent or reflecting*' (fol. 191). A fol. 221 tesebixxi ritratt ta' x'kienet liebsa dakinhar tal-incident, liema ritratt juri wkoll il-klieb. Fir-rigward tal-medicina li sostniet li hadet li tikkontjeni l-alkohol qabel l-incident hija twiegeb li hadet mgharfa jew tnejn u li din haditha mat-te xi nofs siegha qabel l-incident. Tixhed ukoll li aktar kmieni kienet kielet l-ikla ta' filghaxija u kienet hadet xi tazza jew tnejn inbid mal-ikel ghax huwa

normali ghaliha li tixrob l-inbid mal-ikel. Tghid ukoll li l-kalkolu ta' mitt metru vizibilita' minn fejn qasmet kien kalkolu f'mohha u jista' jkun aktar jew anqas izda insisti li la hija ma ratx karozzi gejjin miz-zewg nahat hija hasbet li setghet taqsam. Tammetti li ma qasmitx minn fuq il-'pelican lights' ghalkemm tinsab fil-vicin stante li ma ratx traffiku gej. Tixhed ukoll li kieku kienet gejja karozza setghet taraha mill-boghod u li kieku ma kinitx ser taqsam

Mistoqsija specifikatament jekk kinitx fis-sakra fil-hin li sehh l-incident twiegeb kif isegwi:

*'I think what happened was the wine with the dinner plus my cold plus the medicine which contains seventy nine percent (79%) alcohol did obviously something to me, but I was not drunk, otherwise I wouldn't have been able to, you know, go downstairs, we have got steps in front of the house, go downstairs, get the dogs ready and things like that, I would have just collapsed somewhere, wouldn't I.' (fol. 199)*

Tinsisti li hija kienet konxja x'kien qed jigri qabel sehh l-incident izda ma tiftakarx li kelmet lir-ragel taghha wara l-incident. Lanqas tiftakar li kienet bil-qeghda fuq il-bankina wara l-incident imma tiftakar li saqsiet ir-ragel taghha dwar il-klieb imma dan kien l-isptar mhux fuq il-post tal-incident. Tikkonferma li d-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-karozza tal-konvenuta kienet imdawwla sew ghalkemm tallega li setghet ma kellhiex dwal mixghula ghax kieku kienet taraha. Mistoqsija b'liema parti mill-karozza hija ntlaqtet tghid li ma tiftakarx u semmiet il-'*windscreen*' ghax qalilha r-ragel taghha. Tghid ukoll li hija kienet imdorrija taqsam it-triq u tmur fil-'*housing estate*' bil-klieb ghax hemm ma kienx ikun hemm traffiku. Jigi

notat li l-'*housing estate*' tinsab fuq in-naha tal-lemin tad-dar tal-konvenuta direzzjoni lejn Ghajnsielem filwaqt li l-'*pedestrian crossing*' tinsab aktar 'il fuq lejn in-naha tax-xellug tad-dar tal-konvenuta direzzjoni lejn ir-Rabat. Dan spjegah sew ir-ragel tal-attrici fil-kontro-ezami tieghu a fol. 235 u 236 tal-process.

Illi fir-rapport mehud mill-pulizija taghti l-verzjoni taghha *a tempo vergine* l-konvenuta Mary Sultana dwar kif sehh l-incident kif isegwi:

*'jien kont qed insuq fi Triq l-Imgarr Xewkija f'direzzjoni lejn il-Qala, u waqt li kont qeghda nsuq f'daqqa wahda qasmitli tigri bil-klieb u zammejt il-brejk malajr u smajt daqqa mal-karozza u waqaft mill-ewwel.'*

Fl-affidavit taghha a fol. 222 et seq tal-process il-konvenuta tiddeskrivi l-incident kif isegwi:

*'X'hin wasalna qrib ic-Centru tal-Universita' u cioe' hafna metri qabel ma wiehed jilhaq it-traffic lights li hemm, fid-daqqa u l-hin nara mara quddiem il-vettura tieghi fin-nofs tan-naha tieghi tat-triq. Din kienu qeghdin jigbduha zewgt iklieb pjuttost imdaqqsin. Jiena dak il-hin ghafast mill-ewwel il-brake tal-vettura. Sadanittant binti bdiet tghajjat. Pero' jiena gia kont ghafast il-brake qabel hi bdiet tghajjat. Ma nafx jekk lil din il-mara ilqatthiex jew le jew inkella ilqattx il-klieb taghha. Naf biss li spiccajt bil-windscreen tal-karozza tieghi miksur. Id-daqqa fuq il-windscreen kienet fuq in-naha tal-passiggier. Bid-daqqa pero' l-windscreen ixxaqqaq kollu u minnu ma baq'a jidher xejn.*

*Jiena u binti mill-ewwel hrigna mill-vettura nitolbu ghall-ghajnuna. Lil din il-mara li aktar tard sirna nafu li kunjomha Whitehouse rajnieha mal-art fit-tarf tal-bankina. Demm ma kienx jidher li kellha. Kien jidher li kienet qed iserrah ma' xi haga. Jidher li b'xi mod din kienet imxiet, tkaxkret jew kaxkruha l-klieb ghan-naha tal-bankina sakemm ahna hrigna mill-karozza.*

*Nghid dan ghaliex il-karozza taghna ma kinitx mal-bankina izda kienet fin-nofs tan-naha tal-lane taghna tat-triq. Allura bil-fors li din kienet imxiet, tkaxkret jew inkella kaxkruha l-klieb ghan-naha tal-bankina. Il-klieb kienu ghadhom bic-cinga marbutin ma' idejha. . . . wiehed mis-Surgent li jismu Jason mix-Xewkija qalli li kellha riha ta' xorb u li x'aktarx ma kinitx qed titkellem bis-sakra li kellha fuqha . . . Il-vettura li kont qed insuq jien baqghet bi dritt u ma kienet miksura la lejn ix-xellug u lanqas lejn il-lemin. Jiena kif waqqaft il-vettura mbaghad ma harrikthiex mill-post taghha.*

A fol. 360 tal-process tinsab esebita x-xhieda tal-konvenuta fl-atti kriminali fejn tixhed kif isegwi:

*'Jien kont qed insuq . . U xhin kont sejra, sejra bil-mod bhas-soltu, ghaggla ta' xejn, u fis-siegha l-hin nara mara taqsam b'zewgt (2) iklieb. Qasmitli u mill-ewwel jien zammejt il-brejk. Il-klieb jigbduha. F'kemm ili nghidlek naraha quddiemi . . . Kienet fil-genb tat-triq u qabdet u qasmet . . min-naha tal-lemin ghan-naha tax-xelluq. Kienet sejra ddawwar il-klieb.'*

Mistoqsija fuq it-'traffic lights' tghid:

*'Kienu ftit imbeghdin. Ma kinitx fuq il-light jigifieri din, u lanqas fuq iz-zebra corssing . . . jien imbaghad waqqaft il-karozza u hi l-klieb gibduha ghan-naha tas-side tat-triq u ntefghet hekk mal-art. Gew il-pulizija, cempilna ghall-ghajnuna ghax jien bdejt nghajjat, jien u t-tifla bdejna nghatju u cempilna ghall-ghajnuna. Gew il-pulizija, u l-pulizija staghgbu x'rieha kellha ta' alcohol u qalu din fis-sakra mejta..'*

Mistoqsija b'liema velocita' kienet ghaddejja:

*'Forty five (45), jiena ma kellix ghagla. Insuq ma hemmx ghagla jigifieri.'*

Mistoqsija in kontro-ezami tikkonferma li hemm sinjal 'slow' u terga' tghid li kienet 'slow' hafna. Tghid ukoll li hi:

*'giet tigri, il-klieb garrewha ghan-nofs it-Triq . . . . ,ma rajthiex taqsam jien. Il-klieb rajt, nara l-klieb jigbduha . . . tigri kemm tifhlah . . . Le rajtha, il-klieb u lilha. Qabdet u qasmitli hekk. . . ikkontrollajt ghax ma tajthiex daqqa kbira. Ghax kieku kont insuq kont naghtiha daqqa akbar. . . . ir-rampa ma nafx biha jien. Hi ma kinitx fuq ir-rampa. Hi gibduha l-klieb ghal nofs it-triq. . . bilwieqfa jigru biha l-klieb. . . . Naf li rajtha quddiemi. Gibduha l-klieb u sibtha quddiemi.'*

Fuq domandi tal-Qorti kriminali tixhed kif isegwi:

*'Qorti:*

*Int kont attenta jekk kienx hemm xi haga quddiemek?*

*Xhud:*

*Kont attenta, ma tafx. Kont attenta hafna ghax noqghod b'seba' ghajnejn.*

*Qorti:*

*Jigifieri s-sign tarahom?*

*Xhud:*

*U ma tafx li narahom.*

*Qorti:*

*Inti din ma kinietx qed taqsam fuq iz-zebra crossing?*

*Xhud:*

*Le, u lanqas fuq il-light. Il-klieb jigbduha.*

*Qorti:*

*Imma inti l-kliem jigbduha x'hin rajthom?*

*Xhud:*

*X'hin giet quddiemi ghax giet tigri.*

*Qorti:*

*Giet quddiemek mill-ewwel jigifieri ma kellekx hin taghfas il-brejk?*

*Xhud:*

*Le zammejt il-brejk mill-ewwel kif indunajt biha.' (ara fol. 366)*

Fil-kontro-ezami taghha a fol. 435 et seq tal-process il-konvenuta tixhed li l-incident sehh qabel it-'*traffic lights*' u mhux wara. Tghid ukoll illi:

*'Rajniha gejja f'nofs it-triq f'kolp. Mill-ewwel zammejt il-brake u l-klieb baqghu jkaxkruha. . . . kif indunajt biha zammejt il-brake mill-ewwel hu! . . . hi l-mod li qasmet b'girja . . . B'girja l-klieb igorruha.'*

Tinsisti li hi ma tafx min habat mal-windscreen. Tibqa' tinsisti li l-klieb kienu qed jigbdu u hi tigri warajhom. Tikkonferma wkoll li t-triq kienet imdawwla bhalma hi llum u l-karozza taghha kellha d-dawl. Tinsisti li ma tobsorx li l-klieb ser jigbduha mill-genb ghal got-triq.

Fir-rapport jinghad ukoll li kien hemm xhud bint il-konvenuta Cynthianne Sultana li kkonfermat il-verzjoni moghtija mill-konvenuta Mary Sultana *a tempo vergine*. Hija taghti wkoll il-verzjoni taghha f'affidavit f'dawn il-proceduri a fol. 225 et seq tal-process fejn tikkonferma ezatt il-verzjoni moghtija minn ommha l-konvenuta. Fil-kontro-ezami taghha hija tinsisti li l-incident sehh qabel it-'*traffic lights*' u mhux wara. Tinsisti izda li hija rat il-klieb jigbdu lil Whitehouse f'nofs it-triq. Tikkonferma wkoll li l-karozza ta' ommha kellha d-dawl mixghul . . *"anzi we double check, qabel ma nitilqu li kollox sew.' (fol. 433).*

Illi a fol. 24 tal-process xehed ir-ragel tal-attrici Stephen Whitehouse permezz ta' affidavit fejn izda jghid li huwa ma rax l-incident isehh izda gie mgharraf wara minn persuna li habbtitlu fuq il-bieb tad-dar biex tavzah li l-vittma tal-incident kienet qed tippunta lejn id-dar tieghu. Kien x'hin hareg li ra lil martu bil-qeghda fuq il-bankina opposta bil-klieb

hdejha. Ra li kienet soffriet ksur f'saqajha. Huwa jiddeskrivi l-post tal-incident kif rah hu x'hin hareg kif isegwi:

*'On the side of the road from where my wife had crossed there were no parked vehicles. The road is straight, wide and well lit, and the visibility was perfect for that moment in the night. The car which had hit my wife was coming from the direction of Vitoria towards Ghajniselem, and was stationery in the road on the left hand side close to where my wife was sitting. I could notice that the car's windscreen had suffered impact damage on the passenger's side … My wife was under extreme shock, but she was conscious and coherent. In fact her main concern was whether the dogs were still ok.'*

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 232 et seq tal-process jikkonferma li huma kienu kielu ghall-habta tas-7.30p.m. u li martu kienet hadet xi tazza jew tnejn inbid mal-ikel u li kien normali ghaliha li taghmel hekk. Jikkonferma wkoll li l-karozza tal-konvenut kienet wieqfa dritta thares lejn Ghajnsielem. Jikkonferma wkoll li l-*'pedestrian crossing'* tinsab aktar ' il fuq mid-dar taghhom lejn id-direzzjoni tar-Rabat. Jiddeskrivi l-klieb li kellha l-attrici dakinhar tal-incident bhala li wiehed jizen hmistax-il kilo (15kg) u l-iehor jizen ghoxrin kilo (20kg). Mistoqsi dwar il-medicina li tiehu martu jsostni li hija ggib din il-medicina mill-Germanja gewwa fliexken u meta jkollha rih hija tiehu anki bejn zewg dozi jew tliet doz i kuljum. Il-kaxxa ta' din il-medicina giet esebita fl-atti a fol. 251 tal-process liema kaxxa tikkontjeni avviz ('warning') li fiha 79% tal-kontenut f'alkohol.

A fol. 28 et seq tal-process xehed Ruben Said rapprezentant tat-Transport Malta li esebixxa numru ta' ritratti tat-triq fejn sehh l-incident u li kkonferma li dak in-nhar tal-incident il-marki fit-triq li jidhru fir-ritratti

gia kienu kollha hemm. A fol. 107 et seq tal-process rega' xahed Ruben Said kif isegwi:

*'Nipprezenta sketch maghmulha mill-field officer Jean Pierre Cefai li timmarka ezatt id-distanza bejn it-traffic lights u l-marka X li kont mmarkajtuli, li hija eight point forty four (8.44) metres.'*

Dan l-isketch gie esebit a fol. 109 tal-process. A fol. 408 tal-process jixhed u jikkonferma li dawn il-*'pelican lights'* kienu qed jahdmu dakinhar tal-incident.

Illi dwar il-kundizzjoni tal-attrici fil-hin tal-incident ta' rilevanza hija x-xhieda li tat Dr. Marlene Attard li kienet it-tabiba li nvistat l-attrici meta ddahlet l-emergenza wara l-incident. Fil-fatt fil-parti sostantiva tax-xhieda taghha (a fol. 60 et seq tal-process) hija tghid kif isegwi:

*L-Avukat Dottor Jean Paul Grech*
*Tista' tgħidilna l-preliminary notes ta' dan il-każ partikolari li ħadthom inti meta kien hemm l-admission l-isptar?*
*Il-Qorti*
*X'kienu please?*
*Ix-xhud*
*Le, eżatt, li l-pazjenta kienet involuta f'accident pero' kienet fully conscious on admission imma kellha, kont qed inxomm riħa ta' alkoħol.*
*L-Avukat Dr Jean Paul Grech*
*Ehe*
*Ix-xhud*
*In the meantime kienet qed tikkomplenja b'uġiegħ f'saqajha fil-left, ħadtilha X-ray u wera li kien hemm fracture li kienet displaced. In the meantime ħadt anke l-levels tal-alcohol u kienu għoljin u għandi hawnhekk ukoll documentation.*

*Il-Qorti*

*X'kienu please, x'kienu?*

*Ix-xhud*

*Issa, ghandi, l-ethanol level dana ġie repurtat l-ewwel twenty-fifth (25th) August, jiġifieri zero zero seven (00:07), jiġifieri kienu għaddew wara nofsillejl, seba' (7) minuti wara, kien three, zero, six (306), three zero six (306) meta l-level huwa up to, in-normal huwa bejn zero (0) u ten (10).*

*L-Avukat Dr Jean Paul Grech*

*Jiġifieri dan kien tliet mitt (300) darba aktar?*

*Ix-xhud:*

*Eżatt, zero (0) to ten (10).*

*Il-Qorti*

*In-normal?*

*L-Avukat Dr Jean Paul Grech*

*In-normal*

*Ix-xhud*

*In-normal, ir-range. U hi dak il-ħin kien three zero six (306), twnty fifth (25th) August zero zero zero seven (00:07). . . .*

*L-Avukat Dr Jean Paul Grech*

*Issa normalment dan il-livell ta' alkoħol ma' xiex ikun kompatibbli?*

*Ix-xhud*

*Alcohol intoxication. . . .*

*L-Avukat Dr Jean Paul Grech*

*Kemm bejn wiehed u iehor iktar qabel minn meta saru t-testijiet ikun, ikun hemm l-alcohol intake biex irrizulta dak?*

*Ix-xhud:*

*Within twenty four (24) hours . . . pero' l-fatt li kellha ammont ta' alcohol ta' oer three hundred (300) kien significant, jiddependi xi tkun hadet. . . .*

*L-Avukat Dr Jean Paul Grech*

*Inti personalment xammejtha r-riha tal-alcohol?*

*Ix-xhud:*

*Ezatt, mill-ewwel. Fil-fatt hemm dokumentat ukoll fl-entry note..'*

Mistoqsija dwar x'qaltilha l-attrici dwar l-incident Dr. Attard taghmel referenza ghan-noti fil-file mediku u tghid li kitbet illi:

*'conscious, involved in MVA, apparently hit by a car . . . patient does not recall what happened..'* (fol. 69 u fol. 77)

Mistoqsija jekk il-pazjenta kinitx infurmata li kienet qed tiehu xi medicina b'mod regolari dakinhar li dahlet l-isptar wara l-incident Dr. Attard tixhed:

*L-Avukat Dr Jean Paul Grech*
*Jiġifieri ma kinitx qed tieħu mediċina regolari?*
*Ix-xhud*
*On no regular medication ktibt sentejn ilu, jiġifieri kif qaltli l-patient ktibt.*
*L-Avukat Dr Mario Scerri*
*Bil-Ġermaniż, imma x'qaltlek?*
*Ix-xhud*
*On no regular medication.'*

F'dan l-istadju ssir ukoll referenza ghax-xhieda tal-istess Dr. Marlene Attard fil-kawza kriminali kontra l-konvenuta liema atti giet esebita kopja fil-process odjern (ara fol. 296 et seq). F'dawn l-atti nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2014, Dr Marlene Attard tixhed kif isegwi:

*"Skont mill-ewwel informazzjoni li rċivejt kienet intlaqtet minn karozza pero' x'ħin daħlet l-isptar, l-istess pazjenta kienet fully conscious pero' ma kinix kapaċi tgħid x'ġara pero' xammejtilha anke riħa ta' alkoħol. . ."*

F'dawn l-atti wkoll sahqet illi l-livell tal-alkohol fid-demm tar-rikorrenti kien tliet mitt (300) darba oghla min-normal. Kopja kollha tal-file mediku tal-attrici giet esebita fl-atti bhala dokument 111A.

A fol. 338 et seq tal-process giet esebita x-xhieda ta' Dr. Michael Refalo li gie nkarigat mill-Qorti Kriminali jezamina l-file mediku tal-attrici u jixhed li wasal ghall-konkluzjoni segwenti:

'Illi l-feriti sofferti minn Whithouse Gabrielle Helga ta' 56609 A li allegatament kienet involuta f'incident awtomobilistiku fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) huma ta' natura gravi u li Whitehouse kienet taht l-effett tal-alkohol u kien hemm storja kronika ta' uzu ta' alkohol illi zgur naqqas ir-riflessi taghha u illi ghalhekk tkun tista' tahrab sitwazzjonijiet perikoluzi bhall-allegat kaz ta' hawn fuq jew inkella tirrispondi halihom immedjatament.'

Dwar il-kwistjoni tal-alkohol xehed ukoll PS 559 Jason Spiteri fil-Qorti Kriminali (ara fol. 283 et seq) u li kien is-Surgent li hejja r-rapport tal-incident mertu ta' din il-kawża:

*Avukat Dr Jean Paul Grech*
*Issa, irriżultalek jekk kinitx disoriented minħabba l-inċident jew inkella minħabba l-inġerenza ta' xi sustanzi mill-investigazzjonijiet li għamilt?*
*Ix-Xhud*
*Jidher li kienet xurbana qabel.'*

L-istess Surgent fl-atti tal-kawza odjerna a fol. 45 tal-process jixhed illi meta hu kellem lill-attrici wara l-incident sabiex jipprova jiehu deskrizzjoni ta' x'gara jghid li qaltlu:

*'Li ma tiftakarx hux filghodu jew wara nofisnhar, ghandi miktub hawn, la kienet taf hux waranofinshar u lanqas bil-lejl u lanqas kienet taf fejn qieghda.*

Jixhed illi kien minhabba f'hekk li ssuspetta li setghet kienet taht effett tal-alkohol (ara fol. 51). Izid ukoll li huwa fir-rapport tieghu ndikat il-marki kollha li kien hemm fit-triq u li kien hemm '*pedestrian crossing*' madwar ghoxrin (20) metru 'l boghod minn fejn qasmet l-attrici (ara fol. 47). Jikkonferma wkoll li l-incident sehh ghoxrin metru 'l boghod mill-istess '*pedestrian crossing*' u dan seta' jivverifikah minn fejn sab il-karozza tal-attrici wieqfa.

Rat ir-rapport tal-espert mediku nominat minnha Mr. Joseph Borg a fol. 456 et seq tal-process li rrelata illi hija ghandha dizabilita' permanenti ta' 5% konsegwenza tal-incident.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi fl-atti din il-Qorti hija konfrontata b'zewg verzjonijiet tal-attrici u tal-konvenuta li huma konfliggenti fis-sens illi l-attrici ssostni li hija kienet taf sew x'inhi taghmel qabel qasmet it-triq in kwistjoni u assigurat ruhha li ma kienux gejjin karozzi filwaqt li l-konvenuta tinsisti li meta rat lill-attrici din kienet qed tigi migbuda mill-klieb taghha ghal nofs it-triq u li kien ghalhekk li sehh l-incident.

Ghandu jinghad izda li ghalkemm l-attrici tipprova taghti x'tifhem li kienet taf x'inhi taghmel qabel qasmet it-triq tant li tghid li harset lejn iz-

zewg nahat qabel qasmet, hija stess tammetti li dakinhar kienet mill-anqas xorbot zewg tazzi nbid waqt l-ikla ta' filghaxija. Tammetti wkoll li kienet hadet medicina qabel harget bil-kliem li fuqha ghandha '*warning*' li tikkontjeni 78% alkohol. Hija ssostni li dakinhar kienet qed isofri minn rih u ghalhekk kienet qed tiehu din il-medicina. Skont ir-ragel taghha meta l-attrici jkollha rih hija mdorrija tiehu darbtejn jew tliet darbiet kuljum minn din il-medicina. Tenut kont ta' din l-evidenza kollha l-Qorti tqis li hija ghandha temmen il-verzjoni moghtija mis-Surgent kif ukoll minn Dr. Attard illi fil-hin tal-incident l-attrici kienet taht influwenza qawwija ta' alkohol. Huwa ghalhekk verosimili li l-attrici ma kinitx taf ben tajjeb x'kienet qed taghmel dak il-hin li giet biex taqsam it-triq anzi pjuttost verament fil-kundizzjoni li kienet il-Qorti tqis li gie pruvat sal-grad rikjest mil-ligi fi proceduri civili bhal dawk odjerni li kienu l-klieb li kienu qed jikkontrollaw id-direzzjoni taghha u fejn timxi aktar milli l-attrici stess. Il-Qorti tqis ukoll li mihijiex skuza li parti mill-alkohol f'gisem l-attrici seta' gie mill-medicina u dan stante li l-pakkett tal-istess medicina esebit fl-atti jaghti avviz car li jikkontjeni doza qawwija ta' alkohol allura kellu jigi mill-attrici stess li la darba kienet qed tiehu dik il-medicina tiehu hsieb li ma zzidx aktar alkohol f'gisimha billi tixrob l-inbid anki jekk waqt l-ikel u wkoll li tara li tkun f'kundizzjoni tajba qabel ma tiddeciedi li tmur timxi fi triq arterjali taht l-effet ta' alkohol b'zewgt iklieb mhux zghar jigbdu fiha.

Illi mill-provi kollha migbura fl-atti l-Qorti temmen u tqis pruvata l-verzjoni tal-konvenuta li l-attrici dehret f'daqqa wahda taqsam it-triq tigri wara l-klieb taghha u dan ghaliex kienu l-klieb li kienu qed jikkontrollaw lill-attrici u mhux vice versa. Fil-kundizzjoni li kienet l-attrici ma kellhiex is-sahha u lanqas menti lucidi li tikkontrolla fejn qed jimbuttawha l-klieb

taghha li mill-atti hareg li kienu jafu sew it-triq li hija s-soltu kienet tohodhom jippassigaw b'dana li dawn qabdu u qasmu ghal fejn hemm il-'housing estate' sabiex imorru fejn imorru s-soltu minghajr ma taw kaz ovvjament tat-traffiku stante li huma klieb. L-attrici tant kienet taht l-effett ta' alkohol ma kellhiex is-sahha li tirreagixxi ghall-istint tal-klieb. L-attrici wkoll minghajr ezitazzjoni tammetti li hija ma qasmitx minn fuq il-'pelican lights' ghalkemm dawn jinstabu ftit metri 'l boghod ghax skont hi ma ratx karozzi gejjin.

Illi l-attrici ssostni fis-sottomissjonijiet taghha li anki jekk ghall-grazzja tal-argument hija ghandha tinghata parti mit-tort tal-incident, il-konvenuta wkoll ghandha parti mit-tort stante li skont l-attrici, li kieku l-konvenuta kienet qed izomm 'proper look-out' allura ma setghetx ma tarax lill-attrici taqsam it-triq u kieku ratha setghet tirreagixxi u ma tolqothiex.

Illi l-Qorti tqis li l-argument tal-attrici li l-konvenuta ma setghetx ma tarahiex in vista tal-vizwal twila li hemm fit-triq in kwistjoni u d-dawl li kien hemm kien ikun wiehed validu li kieku gie pruvat lil din il-Qorti li verament l-attrici hadet il-prekawzjonijiet kollha mehtiega mill-'Highway Code' qabel ma hija qabdet u qasmet din it-triq li tikkonsisti f'wahda arterjali. Il-' Highway Code' jirrikjedi li l-persuna li ser taqsam fl-ewwel lok issib post bla periklu minn fejn taqsam. F'dan il-kaz l-attrici kellha 'pelican lights' ftit metri 'l boghod izda ghazlet li ma tmurx fuqhom u taqbad u taqsam ghad-dritt. In oltre, l-attrici tixhed li hija ma ratx il-vettura tal-konvenuta gejja izda l-istess argument tal-vizwal twil japplika wkoll ghall-attrici u l-Qorti hija konvinta li kieku l-attrici verament harset u issemmghet ghall-vetturi gejjin miz-zewg nahat qabel qasmet zgur

kienet tara l-karozza tal-konvenuta gejja u mhux ma rathiex. Sinjal li kien hemm fatturi ohra li zammewha milli tinnota l-vettura tal-konvenuta u cioe' l-alkohol u l-gbid tal-klieb li hakmuha. Dan il-fatt aktar jissostanzja l-konkluzjoni ta' din il-Qorti li l-attrici ma kinitx taf sew x'inhi taghmel x'hin kienet barra fit-triq tippassigga bil-klieb.

Illi mill-provi mressqa fl-atti rrizulta wkoll li l-konvenuta ma kinitx qed issuq b'xi velocita' qawwija tant li malli hija rat lill-attrici taqsam it-triq, hija zammet il-'brake' u l-karozza waqfet tista' tghid mad-daqqa. Li kieku l-konvenuta kienet qed issur b'velocita' qawwija din il-Qorti hija konvinta li l-incident kien ikun wiehed ferma aktar gravi u l-vettura tal-konvenuta kienet thalli 'brake-marks' vizibbli fit-triq.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmelo Sciberras vs. Gilbert Caruana (1179/1997/1) datata 9 ta' Marzu, 2007** fejn gie dikjarat kif isegwi:

*'Qabel xejn din il-Qorti tosserva, u f'dan l-aspett taqbel pjenament ma' l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti, li persuna li tkun involuta f'incident awtomobilistiku u, anzi aktar f'kazi meta tkun involuta persuna li tkorri, mhux haga ta' barra minn hawn li s-sewwieq ma jiftakarx id-dettalji minimi ta' dak li jkun gara. Ghalhekk naraw li hafna drabi jkun hemm varjazzjonijiet bejn dak li jinghad lill-ufficjal inkarigat mill-investigazzjoni jew l-espert imqabbad mill- Qorti u dak li jinghad, mill-istess persuna, zmien wara, fil-proceduri quddiem Qorti. Dawn id-diskrepanzi izda ma ghandhomx ifixklu lill-gudikant li ghandu jhares lejn l-qalba tal-kwistjoni u mhux joqghod jara jekk verzjoni ghandhiex tigi skartata jew le minhabba xi differenzi fid-dettal tal-fatti tal-kaz kif rakkuntati wara l-akkadut.*

*Issa huwa minnu li fl-ezami ta' kazi fejn ikun hemm incidenti li jinvolvu korrimenti ta'*

*pedestrians li jigu in kuntatt ma' vettura tas-sewqan, element importanti huwa l-fatt li min ikollu taht idejh kontroll ta' vettura ghandu juza dik il-prudenza u attenzjoni sabiex, mhux biss ikollu dejjem kontroll tal-vettura tieghu, izda li jkollu konoxxenza ta' dak li jkun qed jigri fit-triq biex jevita xi sinistru u dan specjalment meta jkun hemm utenti ohra tat-triq bhalma huma pedestrians. Dana billi l-impatt bejn vettura tal- mutur u persuna jista', u generalment ikollha, konsegwenzi koroh ghall-istess pedestrian.*

*Dan premess, izda, ghandu dejjem ikun enfasizzat li l-karreggata hija principalment intiza ghall-uzu tal-vetturi u, fil-kazi li pedestrian jittanta jaqsam l-istess karreggata mhux f'dawk il-postijiet intizi ghal dan l-iskop, jista' jaghmel hekk biss, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Ingliza "provided he takes reasonable care" (Clerk & Lindsell, Tort, 16th Edition pagna 521). Dan ir-rekwizit tar-"reasonable care" huwa mehtieg minhabba l-ispeed li tivvjagga vettura paragunat mal-mod pjuttost "slow" tal-mixi ta' persuna, anke jekk din tkun qed titharrek.'*

Illi mill-provi kollha fl-atti din il-Qorti hija konvinta li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attrici stante li filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq bil-mod f'din it-triq arterjali, l-attrici li ma kinitx qed tikkontrolla l-agir taghha minhabba l-alkohol halliet il-klieb jigbduha bis-sahha sabiex taqsam it-triq tant li ma tatx kaz li kienet gejja l-vettura tal-konvenuta, konvenuta li malli rat lill-attrici tingibed ghal nofs it-triq mill-klieb taghha ghamlet dak biss li setghet possibilment taghmel fis-sitwazzjoni, ghafset il-'brake' tal-vettura sabiex tipprova tevita l-incident. Sfortunatament jirrizulta li l-konvenuta ma rnexxilhiex tevita li l-attrici tintlaqat mill-vettura anki ghaliex il-klieb baqghu jigbdu l-attrici lejn id-direzzjoni tal-vettura tal-konvenuta.

Applikati l-principipji enuncjati fid-decizjoni hawn fuq ikkwotata ghall-kaz odjern jirrizulta li filwaqt li l-konvenuta kienet qed taghmel uzu normali mit-triq in kwistjoni fejn kienet qed issuq bi 'speed' pjuttost moderat hija nnotat lill-attrici li f'daqqa wahda qasmet ghal nofs it-triq bil-klieb igebbduha lejn in-naha l-ohra tat-triq (cioe' lejn il-kareggjata tal-konvenuta) u dan minn post li mhux intiz sabiex il-'pedestrian' jaqsam in vista li ftit metri 'l boghod hemm sahansitra l-'pelican lights'. Rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni l-konvenuta ghamlet biss dak possibbli fis-sitwazjoni u cioe' ghafset il-'brake' sabiex tipprova tevita l-incident izda dan sehh xorta wahda. Mill-provi jirrizulta li mhux biss l-attrici qasmet, bil-girja u minghajr kontroll minn post fejn ma kienx intiz li hija taqsam, izda dan ghamlitu taht effett qawwi ta' alkohol tant li ma kinitx kapaci tikkontrolla l-agir taghha u tal-klieb imdaqsa li kienu marbuta ma jdejha. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax f'sitwazzjoni bhal din, b'xi mod issib xi tort fil-konvenuta ghal dan l-incident filwaqt li tqis li l-incident sehh unikament b'tort negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-attrici u hadd aktar.

Fic-cirkustanzi ghalhekk din il-Qorti stante li ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba attrici li titlob li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u stante li t-talbiet sussegwenti jsegwu s-success tal-ewwel talba ma ghandhiex ghalfejn allura tinoltra ruhha oltre dwar id-danni sofferti mill-attrici.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-konvenuta tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attriċi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur